25 ta' Frar, 1967

**Imhallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Farmacista Joseph Camilleri

*versus*

Unur Tieghu Archibald Campbell noe et

**Kostituzzjoni — Malta Constitution Order in Council, 1959 — Malta (Constitution) Order in Council, 1961 — Malta Inde-**

**pendence Act, 1964 — Kostituzzjoni tal-1964 — Servizz Pubbliku — Civil Service — Public Service Commission — Dixxiplina — Miżura ta' — Gvernatur, setgħat ta' — Bords — Nomina ta' — Sindakabilità ta' — Ġurisdizzjoni ta'.**

*Il-Gvernatur ma hux sindikabbli fin-nomina tiegħu ta' Bords u f'dak kollu li jsir fuq il-parir tal-Public Service Commission. Il-qorti ma tistax tinvestiga dawk l-ilmenti li f'certa materja hija l-Public Service Commission biss li tista' taġixxi, speċjalment a rigward ta' miżuri dixxiplinari li jistgħu jittieħdu kontra impjegati tas-servizz ċivili.*

*Il-Kostituzzjoni tal-1964 ma hix applikabbli għall-każ ta' ilmenti simili meta l-kawża tkun ġiet istitwita qabel ma dina l-Kostituzzjoni bdiet isseħħ.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta illi huwa Junior Pharmacist fil-Medical and Health Department tal-Gvern ta' Malta li huwa "post" pensjonabili fis-servizz pubbliku u ġie informat b'ittra tat-18 ta' Novembru, 1960 (Dok. A) illi d-"dismissal" tiegħu mis-servizz pubbliku kien qiegħed jiġi kontemplat imħabba l-akkużi msemmija fid-Dok. "B", u peress illi b'ittra tal-4 ta' April, 1961 firmata mill-avukat tal-Kuruna (Dok. C) l-instanti ġie infurmat illi l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur innomina Kummissjoni biex tinvestiga l-akkużi miġjuba kontra l-instanti a bażi tal-Colonial Regulation 58(ii); u peress illi l-imsemmi Regulation mhuwiex applikabbli għal Malta Civil Service li huwa soġġett għall-"The Malta Constitution Order in Council, 1959' li bih ġiet kostitwita l-Public Service Commission bħala l-unika awtorità kompetenti biex tinvestiga u tikkonsulta lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur f'materji dixxiplinari u li dwaru saru "The Public Service Commission Regulations, 1960"; u peress li għalhekk in-nomina tal-imsemmi Bord jew Kummissjoni hija nulla, kif ukoll kwalunkwe ħaġa li dak il-Bord seta' għamel;

wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha meħtieġa; talab li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi n-nomine tal-Board jew Kumitat kreat mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur a tenur tad-Dok. C hija nulla kif *ukoll huwa null kwalunkwe att li talvolta seta' għamel l-im*-semmi Kumitat u dana għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha jgħidu illi l-eċċipjenti Onorevoli Cuschieri u Professur Galea ma jirrappreżentawx il-Gvern ta' Malta u mhuwiex il-leġittimi kontradituri f'dina l-materja; għalhekk jeċċepixxu illi għandhom jiġu meħlusin mit-talbiet bl-ispejjeż; bla preġudizzju *għall-premessa fil-meritu, illi l-kumitat imsemmi fiċ-ċitaz*-zjoni ġie maħtur biex jinvestiga l-fatti relativi għall-imġieba (speċifikatament indikata) ta' l-attur fil-kamp amministrativ u mhux biex jikkonsulta lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, għat-termini ta' l-art. 32 ta' "The Malta (Constitution) Order in Council, 1959"; dak li hu verament kompitu tal-Public Service Commission. Għalhekk id-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine u n-nota tax-xhieda tagħhom;

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li*

biha jgħidu illi peress illi r-raġuni sostanzjali dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni tirriferixxi għall-Public Service Commission kif hemm aħjar indikat fl-att taċ-ċitazzjoni u peress illi dan mhux sindakabili u lanqas jista' jagħti aditu għall-azzjoni, dina l-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-każ;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti.

*Semgħet l-Avukati;*

Ikkunsidrat;

Li l-konvenuti eċċepew "in limine litis" li l-Onor. Edgar Cuschieri u l-Professur Dr. Joseph Galea li għalih is-subentra l-Profesur Dr. Carmelo Coleiro, ma jirrappreżentawx il-Gvern ta' Malta u mhumiex il-leġittimi kuntradditturi f'dina l-materja.

Li fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 1965 il-konvenuti irrinunzjaw għall-imsemmija eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

Li wara li ġiet eżawrita "in extenso" it-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu, u l-partijiet ippreżentaw noti elaborati ta' osservazzjonijiet, bħal kieku qegħdin jippresumu li dina l-kontroversja għandha tiġi deċiża minn dina l-Qorti, għax kienet kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-materja nvoluta fil-kawża; il-konvenuti nomine, b'nota tat-8 ta' Jannar, 1966 eċċepew ulterjorment l-inkompetenza ta' dina l-Qorti li tieħu konjizzjoni tal-każ, għaliex ir-raġuni sostanzjali dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni tirriferixxi għal Public Service Commission, u dana mhuwiex sindakabbli u lanqas jista' jagħti aditu għall-azzjoni.

Li b'nota preċedenti l-konvenuti għamlu riferenza għall-artikolu 2(6) tal-Kostituzzjoni tal-1959; għall-art. 87(3) u 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1964, u okkorrendo għal regolamenti 8 u 10 tal-"Public Service Commission Regulations" 1960 (N.L. 32 tal-1960).